Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Numru 48/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta
Vs
Tony Herbert Walroud**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 48 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat Tony Herbert Walroud li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-lejl bejn l- ghaxra (10) u l-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-pulzijia ta' l-iskwadra ta' kontra d-drogi kienu qed jaghmlu spezzjonijiet gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Illi f'dak il-lejl, l-akkuzat Tony Herbert Walroud, persuna ta' Nazzjonalita` Olandiza, gie hawn Malta fuq titjira ta' l-AirMalta KM421 minn Brussels.

Illi l-akkuzat gab mieghu bagalja ta’ lewn iswed u dak il-hin gie imwaqqaf mill-pulizija u saret tfittxija fuqu kif ukoll fil-bagalja. F’din il- bagalja instabu mohbija go pakkett mgezzwer bit-tape, disa’ t’elef disgha mija u hamsa u sebghin (9975) pillola allegatament ecstacy liema ecstasy hija mequsa bhala droga ristretta u psikotropika.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li l-akkuzat kien issellef xi flus minghand terzi f’Olanda. Peress li ma setghax ihhallashom lura ddeċieda li jibda jmexxi u jittraffika fid-droga ristretta u psikotorpika hawn fuq imsemmija. Fil-fatt l-akkuzat assocja ruhu u ftiehem ma’ persuna oħra li jigi Malta sabiex jittraffika id-droga. Għas-servizz tiegħu li jittraffika d-droga, l-akkużat kellu jitħallas elf u hames mitt Ewro (€1500).

Illi in esekużżjoni ta’ dan il-pjan maħsub minn qabel, l-akkużat Tony Herbert Walroud ġie Malta fil-lejl ta’ bejn l-ghaxra (10) u l-hdax (11) ta’ Decembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) biex jittraffika id-droga. Fortunatament, l-akkużat inqabad mill-pulizija f’dak il-lejl fiċ-ċirkostanzi hawn fuq imsemmija.

Illi minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li dawn id-disa’ telef disgha mija u hamsa u sebghin (9975) pillola kienu jikkontjenu is-sustanza Methylenedioxymethamhetamine (li hija designer drug maghrufa bhala MDMA) liema sustanza hija kontra il-ligi. Il-valur totali ta’ dawn il-pilloli huwa hamsa u disghin elf, seba’ mija u sittin Euro (€95 760).

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Tony Herbert Walroud sar hati talli f’Dicembru 2008 assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina psikotropika u ristretta f’Malta (u cioe’ is-sustanzi MDMA li nstabet fil-pilloli ecstasy bil- modalita, il-kwantita u l-valur aktar il-fuq imsemmija) u dan kontra d- disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x’ Jaqsmu Maghha, jew

ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Tony Herbert Walroud ħati talli assoċja ruħu ma’ persuna jew persuni oħra f’Malta jew barra minn Malta sabiex jbiegħ jew jittraffika mediċina psikotropika u ristretta f’Malta u cioe madwar disa’ t’elef disgha mija u hamsa u sebghin (9975) pillola Ecstasy kontententi s- sustanza Methylenedioxymethamhetamine (li hija designer drug maghurfa bhala MDMA) li hija medicina kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghhom, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l- assocjazzjoni;

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghall-ghomor u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmi (€2329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf, erbgha mija tmienja u sittin Ewro, sebgha u sittin Ewro centezmi (€116,468.67c) u konfiska favur il-Gvern ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u konfiska favur il-gvern ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-arikoli 40A, 120A(1)(f), 120(1A)(1B), 120A(2)(a)(I), (1A), (1B), (2)(a)(i), (2A), (2B), 120B u 121A (1) (2) tal-l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu Maghha, Kapitolu 31, ir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal- Medicini (Avvizz Legali 22 ta’ l-1985) u fl-artikoli 20, 22, 23 u 533 tal- Kodici Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha;

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fil-lejl bejn l-ghaxra (10) u l-hdax (11) ta’ Decembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) l- akkuzat Tony Herbert Walroud iddecieda li jimporta id-droga hawn Malta.

Illi l-akkuzat gie hawn Malta fuq titjira ta' l-AirMalta KM421 minn Brussels u mieghu gab bagalja sewda, go liema bagalja kellu pakkett ingezwer bit-tape. Go dan il-pakkett instabu disa' t'elef disgha mija u hamsa u sebghin (9975) pillola allegatament ecstacy liema ecstasy hija mequsa bhala droga ristretta u psikotropika. Ghal dan is-servizz l- akkużat kellu jitħallas elf u hames mitt Ewro (€1500).

Illi minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li dawn id-disa' telef disgha mija u hamsa u sebghin (9975) pillola jikkontjenu s-sustanza *Methylenedioxymethamhetamine* (li hija designer drug maghrufa bhala MDMA) liema sustanza hija kontra il-ligi. Il-valur totali ta' dawn il-pilloli huwa hamsa u disghin elf, seba' mija u sittin Euro (€95 760).

L-imsemmija pilloli ecstasy, li fihom is-sustanza Methylenedioxymethamphetamine, li hija designer drug magħrufa bħala MDMA, huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-imsemmi Tony Herbert Walroud ma kellu ebda permess u awtorizzazzjoni skond l-imsemmija liġi sabiex ikun jista' jimporta l- imsemmija pilloli u sustanza.

Illi b'għemilu l-imsemmi Tony Herbert Walroud sar ħati fid-data hawn fuq imsemmija talli importa, medicina psikotropika u ristretta u cioe` d- droga ecstacy liema pilloli fihom is-sustanza Methylenedioxymethamphetamine, li hija designer drug magħrufa bħala MDMA u huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il- Professjoni Medika w l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija liġi sabiex jimporta' l-imsemmija sustanza.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Tony Herbert Walroud talli fil-lejn bejn l-ghaxra (10) u l-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) importa f' Malta medicina perikoluza u ristretta u cioe` madwar disa' t'elef disgha mija u hamsa u sebghin (9975) pillola Ecstasy kontententi s-sustanza Methylenedioxymethamhetamine (li hija designer drug maghurfa bhala MDMA) li hija medicina kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u li jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmu (€2329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf, erbgha mija tmienja u sittin Ewro, sebgha u sittin Ewro centezmi (€116,468.67c) u konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar r-reat u konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-arikoli 40A, 120A(1)(f), (1A), (1B), (2)(a)(i), (2A), (2B), 120B u 121A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu Maghha, Kapitolu 31, ir-regolament 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avvizz Legali 22 ta' l-1985) u fl-artikoli 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha;

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fil-lejl bejn l- ghaxra (10) u l-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) l-akkuzat Tony Herbert Walroud, gie hawn Malta fuq titjira ta' l-AirMalta KM421 minn Brussels.

Illi Tony Herbert Walroud gab mieghu bagalja sewda, go liema bagalja instabu disa' t'elef disgha mija u hamsa u sebghin (9975) pillola allegatament

ecstacy liema ecstasy hija mequsa bhala droga ristretta u psikotropika.

Illi minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li dawn id-disa' telef disgha mija u hamsa u sebghin (9975) pillola jikkontjenu s-sustanza *Methylenedioxymethamhetamine* (li hija *designer drug* maghrufa bhala MDMA) liema sustanza hija kontra il-ligi. Il-valur totali ta' dawn il-pilloli huwa hamsa u disghin elf, seba' mija u sittin Euro (€95 760).

L-imsemmija pilloli ecstasy, li fihom is-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, li hija *designer drug* magħrufa bħala MDMA, huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il- Professjoni Medika w l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-imsemmi Tony Herbert Walroud ma kellu ebda permess u awtorizzazzjoni skond l-imsemmija liġi biex ikun fil-pussess ta' l- imsemmija pilloli.

Illi b'għemilu, l-imsemmi l-akkuzat Tony Herbet Walroud sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu il-mediċina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija *designer drug* magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati w ristretti bil- liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess ta' l-imsemmija sustanza b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill- imsemmi Tony Herbert Walroud li kellu fil-pussess tiegħu il-mediċina psikotropika u ristretta u cioe pilloli ecstasy kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, li hija *designer drug* magħrufa bħala MDMA, li huma kkontrollati w

ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il- Professjoni Medika w l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil- pussess ta' l-imsemmija sustanza, b' dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; u talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat w illi jiġi kkundannat għal prigunerija ta' għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin Ewro (€2329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax il-elf, erbgha mija tmienja u sittin Ewro, sebgha u sittin Ewro centezmi (€116,468.67c) u konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar r-reat u konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), (1A), (1B), (2)(a)(i), (2A), (2B), 120B u 121A tal-l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu Maghha, Kapitolu 31, ir-regolament 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il- Kontroll tal-Miedicini (Avvizz Legali 22 ta' l-1985) u fl-artikoli 20, 22, 23, 23A, 23B u 23C u 533 tal-Kodici Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat Tony Herbert Walroud, tat-2 ta' Frar, 2011, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1)(2) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat ghall-akkuzi migjuba kontrieh, il-piena li ghandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal periodu ta' hdax il-sena flimkien ma multa ta' tlieta w ghoxrin elf Ewro (€23,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni w sejbien ta' htija ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta'

mobbli w immobbli tal-istess akkuzat; talbu li tigi erogata din il-piena.

Rat illi waqt is-seduta tat-2 ta' Frar, 2011, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil Tony Herbert Walroud hati talli

1. fil-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Dicembru, 2008, assoċja ruħu ma' persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex jbiegħ jew jittraffika mediċina psikotropika u ristretta f'Malta u cioe madwar disa' t'elef disgha mija u hamsa u sebghin (9975) pillola Ecstasy kontententi s-sustanza Methylenedioxymethamhetamine (li hija designer drug maghurfa bhala MDMA) li hija medicina kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l- assocjazzjoni, w dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
2. fil-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Dicembru, 2008 importa f' Malta medicina perikoluza u ristretta u cioe` madwar disa' t'elef disgha mija u hamsa u sebghin (9975) pillola Ecstasy kontententi s-sustanza Methylenedioxymethamhetamine (li hija designer drug maghurfa bhala MDMA) li hija medicina kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Maltaw dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
3. fil-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Dicembru, 2008 kellu fil-pussess tiegħu il-mediċina psikotropika u ristretta u cioe pilloli ecstasy kontenenti s-sustanza

*Methylenedioxymethamphetamine*, li hija *designer drug* magħrufa bħala MDMA, li huma kkontrollati w ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess ta' l-imsemmija sustanza, b' dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; w dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

Ikkonsidrat;

Illi r-reati taht l-ewwel zewg kapi tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huma assorbiti fir-reat taht it-tielet kap stante li servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' pussess aggravat taht dan it-tielet kap a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn) kif ukoll ghax bejn it-tieni w it-tielet kap hemm il-konkors formali jew ideali.

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u senjatament l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, u b' mod partikolari f' dan il-kaz il-kwantita' ta' droga involuta fir-reati, ic-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija tieghu w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Din il-Qorti thoss li f’ dan il-kaz partikolari ghandha taderixxa ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli tikkundanna lill-hati**, Tony Herbert Walroud** ghall-piena komplessiva ta’ **hdax (11) il-sena prigunerija** w ghall-**multa ta’ tlieta w ghoxrin elf Ewro (€23,000),** li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti fi **tnax (12) il-xahar prigunerija ohra** skond il-ligi, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ elf, mija w sebgha w disghin Ewros u tlieta w disghin centezmi **(€1197.93),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------